

RAKKOMANDEZZJONIJIET

KUMMISSJONI

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Mejju 2007

dwar il-monitoraġġ tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1873)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/331/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

sforzi estensivi sa mill-2002 biex jitnaqqsu l-livelli ta' l-acrylamide fl-ikel ipproċessat.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi,

(1) Il-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA – European Food Safety Authority) adotta stqarrija fid-19 ta' April 2005 dwar l-acrylamide fl-ikel li fiha huwa kkonferma l-valutazzjoni ta' riskju ta' l-acrylamide fl-ikel li twettqet fi Frar 2005 mill-Kumitat Espert Konġunt ta' l-FAO/WHO dwar l-Addittivi ta' l-Ikel (JECFA – Joint FAO/WHO Expert Committee on Food Additives). F'dik il-valutazzjoni l-JECFA kkonkluda li l-marġni ta' l-esponiment għall-konsumaturi medji u għolja kienu baxxi għal kompost li huwa ġenotossiku u karċinoġeniku u li dan jista' jkun ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk għandhom jissoktaw l-isforzi xierqa biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' l-acrylamide fl-ikel.

(2) L-industrija ta' l-ikel u l-Istati Membri investigaw mogħ-dijiet ta' formazzjoni ta' l-acrylamide. L-industrija ta' l-ikel żviluppat miżuri volontarji, bħal l-hekk imsejħa strateġija tal-“kaxxa ta' l-għodda”⁽¹⁾, li ttiprovdi gwida biex tgħin lill-produtturi u lill-proċessuri jidentifikaw mezzi biex ibaxxu l-acrylamide fil-prodotti rispettivi tagħhom. Saru

(3) Huwa meħtieġ li tinġabar *data* affidabbli dwar il-livelli ta' l-acrylamide fl-ikel fuq mill-inqas medda ta' 3 snin madwar il-Komunità kollha biex ikun hemm stampa ċara tal-livelli ta' acrylamide f'dak l-ikel li hu magħruf li għandu livelli għoljin ta' l-acrylamide u/jew li jikkontribwixxi sew għall-ammont dijetitiku li jittieħed mill-popolazzjoni sħiħa u minn gruppi vulnerabili, bħat-trabi u t-fal żgħar.

(4) Huwa importanti li din id-*data* tkun irrappurtata darba fis-sena lill-EFSA li għandha tiżgura l-kompilazzjoni ta' din id-*data* f'bażi tad-*data*.

(5) Ir-riżultati analitiċi għandhom jiġu evalwati biex jivvalutaw l-effettività tal-miżuri volontarji. Il-programm ta' monitoraġġ stipulat f'din ir-Rakkomandazzjoni jista' jiġi adattat fi kwalunkwe żmien jekk dan ikun xieraq fid-dawl ta' l-esperjenzi miksuba.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

⁽¹⁾ Il-“kaxxa ta' l-għodda” fiha 13-il parametru differenti (‘għodda’), miġburin flimkien f'4 kategoriji ewlenin (‘kompartimenti tal-kaxxa ta' l-għodda’) li jistgħu jintużaw b'mod selettiv mill-produtturi ta' l-ikel, skond il-ħtiġijiet partikolari tagħhom sabiex ibaxxu l-livelli ta' l-acrylamide fil-prodotti tagħhom. L-4 kompartimenti jirreferu għall-fatturi agronomiċi, ir-riċetta ta' l-ikel, l-ipproċessar u għat-tħejjija finali.

(1) Li l-Istati Membri jwettqu l-monitoraġġ tal-livelli ta' l-acrylamide darba fis-sena fl-2007, l-2008 u l-2009, skond l-Anness 1, fl-oġġetti ta' l-ikel imsemmija f'dan l-Anness.

- (2) Li l-Istati Membri jipprovdu sa l-1 ta' Ġunju kull sena d-*data* ta' monitoraġġ tas-sena ta' qabel lill-EFSA bl-informazzjoni u fil-format kif stipulat fl-Anness II għal kompilazzjoni f'bażi tad-*data* waħda.
- (3) Li l-Istati Membri, għall-għan tal-programm ta' monitoraġġ, isegwu l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni kif stipulat fil-parti B ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 rigward il-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju, tal-landa inorganika, tat-3-MCPD u tal-benzo(a)pyrene fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾ biex ikun żgurat li l-kampjuni huma rappreżentattivi għallott ikkampjunat.

- (4) Li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi ta' l-acrylamide skond il-kriterja stipulati fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali biex tkun żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u ta' l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli tal-benesseri ta' l-annimali ⁽²⁾.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Mejju 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bis-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNEX I

A. Puntj u l-proċedura tal-kampjunar:

1. Il-kampjunar tal-prodotti għandu jitwettaq f'livell tas-suq (eż. f'supermarkets, ħwienet żgħar, fran tal-ħobż, u fil-ħwienet taċ-ċips u r-restoranti), fejn hemm traċċabilità tajba, jew fuq siti ta' produzzjoni. Il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-Istati Membri għandhom jiġu kkampjunati fejn possibbli ⁽¹⁾.
2. Il-kampjunar u l-analiżi għandhom jitwettqu qabel id-data ta' skadenza tal-kampjun.

B. Prodotti, l-għadd u l-frekwenzi tal-kampjuni, rekwiżiti analitiċi

1. It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali dwar l-għadd minimu ta' kampjuni għall-analiżi ta' kull sena għal kull kategorija ta' prodott. L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu aktar kampjuni fejn possibbli. It-tqassim tal-kampjuni għal kull Stat Membru huwa msejjes fuq iċ-ċifri tal-popolazzjoni b'għadd minimu ta' 4 kampjuni għal kull prodott u għal kull Stat Membru.
2. L-għadd ta' kampjuni jirreferi għall-għadd minimu ta' kampjuni li għandu jittieħed fis-sena. Fejn japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi (eż. il-kampjunar darbtejn fis-sena) dan huwa speċifikat fl-Anness I, punt C għal kull grupp ta' prodott.
3. Billi kull kategorija ta' prodott hija magħmula minn varjetà sħiħa ta' prodotti bi speċifikazzjonijiet differenti, għandha tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali għal kull prodott fil-kampjun (kif speċifikat fl-Anness I, punt C). Sabiex jidhru x-xejriet taż-żmien huwa importanti li l-prodotti bl-istess speċifikazzjonijiet (eż. l-istess tip ta' ħobż, l-istess ditta, eċċ) huma kkampjunati kull sena fejn possibbli. Għaċ-ċips ikkampjunati fi ħwienet żgħar, għandhom jintgħażlu l-istess ħwienet jekk possibbli.
4. Jekk fi prodotti bl-istess karatteristiċi jinkisbu ripetutament riżultati 'l isfel mil-limitu ta' kwantifikazzjoni (LOQ – limit of quantification) dan il-prodott jista' jinbidel ma' ieħor sakemm jaqa' fl-istess kategorija ta' prodotti u sakemm tingħata deskrizzjoni tal-prodott.
5. Biex tkun żgurata l-komparabilità ta' riżultati analitiċi għandhom jintgħażlu metodi li jstgħu jiksbu LOQ ta' 30 µg/kg (l-iżjed tranżizzjoni ta' ion/ion intensa) għall-ħobż u l-ikel tat-trabi u ta' 50 µg/kg għall-prodotti tal-patata, prodotti ċereali oħrajn, kafè u għal prodotti oħra. Ir-riżultati għandhom jiġu rrapportati kkorreġuti għall-irkupru.

⁽¹⁾ F'każijiet eċċezzjonali prodott speċifiku jista' jkun biss fis-suq b'ħala wieħed importat minn pajjiż terz. F'każijiet bħal dawn jistgħu jittieħdu kampjuni tal-prodott importat.

Tabella 1
Għadd minimu ta' kampjuni għal kull kategorija ta' prodotti

Pajjiż li qed iħalli	Ċips miġbughin lesti biex jittiekle (1)	Krisps (2)	Ċips jew prodotti oħra tal-patata misjura minn qabel/ġħat-tisjir fid-dar (3)	Ħobż (4)	Ċereali tal-kolazzjon (5)	Gallettini, inkl. l-gallettini tat-trabi (6)	Kafè inkaljat (7)	Ikkel tat-trabi fil-vażetti (8)	Ikkel tat-trabi pproċessat abbażi ta' ċereali (9)	Prodotti oħra (10)	Total
AT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
BE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
CY	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
CZ	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
DE	24	24	24	24	24	24	24	24	24	14	230
DK	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
ES	14	14	14	14	14	14	14	14	14	14	140
EE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
GR	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
FR	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
FI	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
HU	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
IT	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
IE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
LU	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
LT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
LV	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
MT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
NL	6	6	6	6	6	6	6	6	6	8	62
PT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
PL	14	14	14	14	14	14	14	14	14	14	140
SE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
SI	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
SK	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
UK	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
BG	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
RO	8	8	8	8	8	8	8	8	8	8	80
Total	202	202	202	202	202	202	202	202	202	224	2 042

C. Informazzjoni minima addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għal kull prodott

L-informazzjoni minima addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għal kull prodott fil-kampjun hija speċifikata fil-punti 1 sa 10. L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdwu informazzjoni aktar dettaljata.

1. *Ċips, mibjugħin lesti biex jittieklu*: kampjunar darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ⁽¹⁾, li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella. Prodotti lesti biex jittieklu għandhom jiġu kkampjunati fi ħwienet żgħar, fil-katini tal-*fast food* u fir-restoranti. Kull sena l-kampjunar għandu jsir fl-istess ħwienet fejn possibbli.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: il-kondizzjoni tal-prodott fil-bidu, patata friska jew ipproċessata, żieda ta' ingredjenti oħra.

2. *Krisps*: kampjunar darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ⁽¹⁾, li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: materja prima, il-kondizzjoni tal-prodott fil-bidu, patata friska jew ipproċessata, żieda ta' ingredjenti oħra, toġhmiet jew addittivi.

3. *Ċips/prodotti tal-patata misjura minn qabel għat-tisjir fid-dar*: inklużi prodotti mibjugħin iffriżati. Kampjunar darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ⁽¹⁾, li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella. L-analiżi ta' kull kampjun għandha ssir fuq il-prodott wara t-tħejjija (eż. qali, ħami, eċċ). It-tħejjija għandha ssir fil-laboratorju skond l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta. Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: il-kondizzjoni tal-prodott fil-bidu patata friska jew ipproċessata, żieda ta' ingredjenti oħra, prodott mibjugħ frisk jew iffriżat, kondizzjonijiet użati għat-tħejjija skond it-tikketta.

4. *Ħobż*:

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: ħobż artab jew iqarmeċ, kontenut ta' fibra, tip ta' qamħ, iffermentat/mhux iffermentat, tip ta' fermentazzjoni (eż. ħmira), ingredjenti oħra. L-għażla tat-tip ta' ħobż għall-kampjunar għandu jirrifletti d-drawwiet fl-ikel ta' kull pajjiż.

5. *Ċereali għall-kolazzjon*: għajr il-muesliu l-porridge

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: tip ta' qamħ, ingredjenti oħra (eż. zokkor, ġewż, għasel, ċikkulata).

6. *Gallettini (inkl. l-gallettini tat-trabi)*:

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: rotob jew iebes, għall-popolazzjoni normali jew għad-diabetiċi, lista sħiħa ta' ingredjenti.

7. *Kafè inkaljat*:

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: il-grad ta' inkaljar (eż. medju, skur), tip ta' żrieragħ tal-kafè jekk disponibbli, mibjugħa bħala kafè mitħun jew żrieragħ.

8. *Ikel tat-trabi fil-vażetti*:

L-attenzjoni għandha tkun fuq l-ikel li fih il-patata, il-legumi ta' l-għerq jew ċereali. Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: Kompożizzjoni tal-vażett.

9. *Ikel tat-trabi pproċessat abbażi ta' ċereali analizzat kif mibjugħ*.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: tip ta' qamħ, ingredjenti oħra.

⁽¹⁾ Fil-każ li l-ikel huwa prodott minn patata pproċessata mhux meħtieġ li jittieħdu kampjuni darbtejn fis-sena.

10. *Prodotti oħra:*

Din il-kategorija tinkludi l-prodotti tal-patata, taċ-ċereali, tal-kafè, tal-kokotina u ikel tat-trabi għajr dawk il-prodotti speċifikati f'wieħed mill-kategoriji hawn fuq (eż. roesti tal-patata, gingerbread, sostituti tal-kafè). Il-kampjuni għandhom jintgħażlu biex jirriflettu d-drawwiet nazzjonali fl-ikel ta' l-Istati Membri. Għandu mnejn ikollhom jiġu analizzati wara t-tisjir skond it-tikketta. Jekk inhu hekk, il-kundizzjonijiet użati għandhom ikunu speċifikati.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata: deskrizzjoni dettaljata tal-prodott (eż. ingredjenti ewlenin), kundizzjonijiet użati għat-tħejija skond it-tikketta.

B. Noti ta' spjegazzjoni għall-format tar-rapportaġġ

Pajjiż li qed jirraporta: L-Istat Membru li fih twestaq il-monitoraġġ.

Sena: sena ta' kampjunar.

Kodiċi tal-kampjun: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-laboratorju tal-kampjun.

Numru tal-klassi tal-prodott: Numru tal-klassi tal-prodott skond l-Anness I, Tabella 1 (daħħal iċ-ċifri minn 1-10, eż Ċips (1), krisps (2), eċċ.

Isem il-prodott: Jinkludi l-isem il-prodott bl-Ingliż u bil-lingwa oriġinali.

Deskrizzjoni tal-prodott: Għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-prodott li tikkunsidra mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Anness I, punt C.

Produttur: isem il-produttur jekk magħruf.

Pajjiż tal-produzzjoni: jekk magħruf. Uża l-kodiċi ta' l-ISO għall-pajjiż tal-produzzjoni (għall-Kodiċi ta' l-ISO ara l-Anness I, Tabella 1, l-ewwel kolonna). Skond l-Anness I, punt A il-prodott għall-kampjunar għandu joriġina f'wieħed mill-Istati Membri fejn dan huwa possibbli (ara r-referenza 4).

L-aħjar qabel id-data: skond kif indikat fuq it-tikketta. Ipprovi d-data fil-format jj/xx/ss.

Data tal-produzzjoni: fejn magħruf skond kif indikat fuq it-tikketta. Ipprovi d-data fil-format jj/xx/ss.

Data tal-kampjunar: Data meta ttieħed il-kampjun. Ipprovi d-data fil-format jj/xx/ss.

Punt ta' kampjunar: il-post minn fejn iŋġabar il-kampjun, eż supermarket, ħanut żgħir, forn tal-ħobż, katina tal-fast food, eċċ.

Daqs tal-pakkett: daqs tal-pakkett (g) tal-prodott li minnu ttieħdu l-kampjuni inkrementali fejn applikabbli.

Piż tal-kampjun: piż tal-kampjun (g) tat-total tal-kampjun.

Kundizzjonijiet ta' tħejija: Il-kundizzjonijiet ta' tħejija għandhom jiġu speċifikati fil-każ ta' ċips misjura minn qabel, jew ta' prodotti tal-patata għat-tisjir fi-dar (klassi 3 tal-prodott) li għandhom jiġu kkampjunati u analizzati wara li jissajru. L-istruzzjonijiet għat-tisjir ta' fuq it-tikketta għandhom jissewew u jkunu speċifikati f'dan il-qasam. L-istess għandu mnejn japplika għal xi wħud mill-"Prodotti l-oħra"(klassi 10 tal-prodotti).

Data ta' l-analiżi: kieku l-kampjun kien omogenezzat u maħżun qabel l-analiżi għandha tingħata d-data attwali tal-bidu tal-proċedura analitika. F'dan il-każ, għandhom jingħataw dettalji rigward il-kundizzjonijiet tal-ħażna.

Metodu akkreditat: jekk jogħġbok indika b"l" (iva) jew "L" (le) jekk ir-risultat analitiku kienx iġġenerat b'metodu akkreditat skond l-EN ISO 17025.

Metodu analitiku: jekk jogħġbok indika liema metodu analitiku intuża (GC-MS b'derivatizzazzjoni, GC-MS mingħajr derivatizzazzjoni, LC-MS-MS jew ieħor) u aġti deskrizzjoni qasira tat-tħejija tal-kampjuni (eż. il-proċedura tat-tindif, eċċ.).

Detalji dwar it-testijiet ta' profiċjenza: jekk jogħġbok aġti informazzjoni dwar l-organizzatur tat-test ta' profiċjenza, in-numru ta' l-iskema, in-numru tal-fażi, il-matriċi u ż-z-score⁽¹⁾ miksuba fil-format il-qasir li ġej: Organizzatur/skema/fażi/matriċi/z-score. (Eżempju: FAPAS/30/6/ħobż iqar-meċ imsejjaħ Knäckerbrot/1,6).

Livell ta' acrylamide: espress f μ g/kg, korrett għall-irkupru.

Limitu ta' sejba: f μ g/kg.

Limitu ta' kwantifikazzjoni: f μ g/kg.

Inċertezza tal-miżura: jekk disponibbli, jekk jogħġbok aġti l-informazzjoni dwar l-inċertezza tal-miżura (il-medda għandha tingħata f%).

⁽¹⁾ Jekk jogħġbok innotta li ż-z-scores se jintużaw biss biex jiġġudikaw il-kwalità tad-data. Għandhom jinżammu kunfidenzjali.